Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2018/0198(COD)

25.9.2018

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier
(COM(2018)0373 – C8-0228/2018 – 2018/0198(COD))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Matthijs van Miltenburg

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 21

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (COM(2018)0373 – C8-0228/2018 – 2018/0198(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0373),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0228/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' April 2018[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-... [2],

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet bil-miktub u motivati preżentati mil-Kamra tad-Deputati Taljana, il-Parlament Portugiż u l-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0000/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 9

[1] ĠU C … / Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU C … / Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) B'rispett sħiħ għall-istruttura kostituzzjonali u istituzzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-użu tal-Mekkaniżmu jkun volontarju ***fir-rigward ta' dawk ir-reġjuni tal-fruntiera ta' Stat Membru partikolari fejn jeżisti mekkaniżmu effettiv ieħor jew li jista' jiġi stabbilit mal-Istat Membru ġar***. Dan jenħtieġ li jikkonsisti minn żewġ miżuri: l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Impenn Transfruntier Ewropew ("Impenn") jew l-iffirmar ta' Dikjarazzjoni Transfruntiera Ewropea ("Dikjarazzjoni").	(9) B'rispett sħiħ għall-istruttura kostituzzjonali u istituzzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-użu tal-Mekkaniżmu jkun volontarju. Dan jenħtieġ li jikkonsisti minn żewġ miżuri: l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Impenn Transfruntier Ewropew ("Impenn") jew l-iffirmar ta' Dikjarazzjoni Transfruntiera Ewropea ("Dikjarazzjoni").

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jikkoordina l-kompiti tal-awtoritajiet differenti li f'xi Stati Membri se jinkludu korpi leġiżlattivi nazzjonali u reġjonali, fi ħdan Stati Membri partikolari u bejn dawk ta' Stat Membru ġar jew Stati Membri ġirien, jenħtieġ li kull Stat Membru ***li jagħżel il-Mekkaniżmu*** jkun obbligat li jistabbilixxi punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali u, fejn ***applikabbli***, reġjonali, u jiddefinixxi l-kompiti u l-kompetenzi tagħhom matul l-istadji differenti tal-Mekkaniżmu li jkopru l-bidu, il-konklużjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Impenji u d-Dikjarazzjonijiet.	(13) Sabiex jikkoordina l-kompiti tal-awtoritajiet differenti li f'xi Stati Membri se jinkludu korpi leġiżlattivi nazzjonali u reġjonali, fi ħdan Stati Membri partikolari u bejn dawk ta' Stat Membru ġar jew Stati Membri ġirien, jenħtieġ li kull Stat Membru jkun obbligat li jistabbilixxi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali u, fejn ***xieraq***, reġjonali, u jiddefinixxi l-kompiti u l-kompetenzi tagħhom matul l-istadji differenti tal-Mekkaniżmu li jkopru l-bidu, il-konklużjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Impenji u d-Dikjarazzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu li jiġu stabbiliti Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali huwa impost

fuq l-Istati Membri kollha.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi stabbilit database skont l-Artikolu ***8***, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni sabiex tkun tista' tistabbilixxi regoli dwar it-tħaddim tiegħu, dwar il-protezzjoni tad-data u l-mudell li għandu jintuża meta l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u dwar l-użu tal-Mekkaniżmu tintbagħat mill-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. Jenħtieġ li għal skopijiet prattiċi u ta' koordinazzjoni, il-"Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" ikun il-kumitat kompetenti għall-proċedura tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.	(24) Sabiex jiġi stabbilit database skont l-Artikolu *7*, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni sabiex tkun tista' tistabbilixxi regoli dwar it-tħaddim tiegħu, dwar il-protezzjoni tad-data u l-mudell li għandu jintuża meta l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u dwar l-użu tal-Mekkaniżmu tintbagħat mill-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. Jenħtieġ li għal skopijiet prattiċi u ta' koordinazzjoni, il-"Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" ikun il-kumitat kompetenti għall-proċedura tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.
[28] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	[28] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Ir-regoli nazzjonali ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw liema reġjuni tal-fruntiera ta' Stat Membru partikolari huma koperti mill-Impenn jew Dikjarazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni li tivvaluta jekk, għall-fruntiera li ma tkunx imsemmija, l-Istati Membri ikunx għażel mekkaniżmu differenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati. L-użu tal-Mekkaniżmu speċifiku stabbilit b'dan ir-Regolament huwa volontarju. Jekk Stat Membru jiddeċiedi, ***rigward fruntiera speċifika*** ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, li jkompli jsolvi ostakli legali f'reġjun transfruntiera speċifiku bil-mekkaniżmi effettivi li jkun stabbilixxa fil-livell nazzjonali jew li jkun stabbilixxa b'mod formali jew b'mod informali, flimkien ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, il-Mekkaniżmu stabbilit skont dan ir-Regolament ***ma għandux*** għalfejn jintgħażel. Bl-istess mod, meta Stat Membru jiddeċiedi, ***rigward fruntiera speċifika*** ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, biex jingħaqad ma' mekkaniżmu effettiv eżistenti stabbilit b'mod formali jew b'mod informali minn wieħed mill-	(28) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati. L-użu tal-Mekkaniżmu speċifiku stabbilit b'dan ir-Regolament ***biex jiġu solvuti l-ostakli legali fir-reġjuni transfruntiera*** huwa volontarju. Jekk Stat Membru jiddeċiedi, ***għal proġett konġunt speċifiku*** ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, li jkompli jsolvi ostakli legali f'reġjun transfruntiera speċifiku bil-mekkaniżmi effettivi li jkun stabbilixxa fil-livell nazzjonali jew li jkun stabbilixxa b'mod formali jew b'mod informali, flimkien ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, il-Mekkaniżmu stabbilit skont dan ir-Regolament ***m'hemmx*** għalfejn jintgħażel. Bl-istess mod, meta Stat Membru jiddeċiedi, ***għal proġett konġunt speċifiku*** ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, biex jingħaqad ma' mekkaniżmu effettiv eżistenti stabbilit

Istati Membri ġirien jew aktar, sakemm dak il-mekkaniżmu jippermetti l-adeżjoni, għal darb'oħra, il-Mekkaniżmu mwaqqaf skont dan ir-Regolament ***ma għandux*** għalfejn jintgħażel. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu għal dawk ir-reġjuni transfruntiera, li għalihom l-Istati Membri ma għandhom l-ebda mekkaniżmu effiċjenti sabiex isolvu l-ostakli legali fis-seħħ.	b'mod formali jew b'mod informali minn wieħed mill-Istati Membri ġirien jew aktar, sakemm dak il-mekkaniżmu jippermetti l-adeżjoni, għal darb'oħra, il-Mekkaniżmu mwaqqaf skont dan ir-Regolament ***m'hemmx għalfejn jintgħażel. Fl-aħħar nett, meta Stat Membru jiddeċiedi flimkien ma' Stat Membru ġar jew Stati Membri ġirien, li jwaqqaf b'mod formali jew b'mod informali mekkaniżmu effikaċi ġdid biex jiġu solvuti l-ostakli legali li jxekklu l-implimentazzjoni ta' proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera, il-Mekkaniżmu mwaqqaf skont dan ir-Regolament m'hemmx*** għalfejn jintgħażel. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu għal dawk ir-reġjuni transfruntiera, li għalihom l-Istati Membri ma għandhom l-ebda mekkaniżmu effiċjenti sabiex isolvu l-ostakli legali fis-seħħ.
	Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu li jippermetti l-applikazzjoni fi Stat Membru wieħed, fir-rigward ta' ***reġjun*** transfruntier, tad-dispożizzjonijiet legali minn Stat Membru ieħor, fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali ta' dak tal-ewwel tkun tikkostitwixxi ostaklu legali li jfixkel l-implimentazzjoni ta' xi Proġett konġunt ("il-Mekkaniżmu").	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ***volontarju*** li jippermetti l-applikazzjoni fi Stat Membru wieħed, fir-rigward ta' ***proġett konġunt singolu f'reġjun*** transfruntier, tad-dispożizzjonijiet legali minn Stat Membru ieħor, fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali ta' dak tal-ewwel tkun tikkostitwixxi ostaklu legali li jfixkel l-implimentazzjoni ta' xi Proġett konġunt ("il-Mekkaniżmu").
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem fil-proposta jqajjem dubji dwar l-interpretazzjoni dwar jekk Stat Membru jistax jagħżel lill-ECBM għal kull "proġett konġunt" singolu jew jekk huwiex obbligat jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu għal kull "proġett konġunt" possibbli tul fruntiera. Ir-rapporteur irid jevita li l-Istati Membri li bħalissa ma għandhom l-ebda mekkaniżmu eżistenti, ma jkollhom l-ebda għażla oħra ħlief li jagħżlu għall-ECBM. L-applikazzjoni tal-ECBM għandha tkun fuq bażi volontarja bbażata fuq valutazzjoni każ b'każ tal-Istati Membri.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kull Stat Membru għandu*** jew ***jagħżel il-Mekkaniżmu*** jew inkella ***jagħżel*** modi eżistenti sabiex ***isolvi*** ostakli legali li jfixklu l-implimentazzjoni ta' xi proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera ma' Stat Membru ġar, wieħed, jew aktar.	1. ***L-Istati Membri għandhom*** jew ***jagħżlu l-Mekkaniżmu*** jew inkella ***jagħżlu*** modi eżistenti sabiex ***isolvu*** ostakli legali li jfixklu l-implimentazzjoni ta' xi proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera ma' Stat Membru ġar, wieħed, jew aktar.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Stat Membru jista' jiddeċiedi wkoll, fir-rigward ta' ***fruntiera speċifika*** ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, li jingħaqad ma' mod effettiv eżistenti stabbilit b'mod formali jew b'mod informali minn Stat Membru ġar wieħed jew aktar.	2. Stat Membru jista' jiddeċiedi wkoll, fir-rigward ta' ***proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera,*** ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, li jingħaqad ma' mod effettiv eżistenti stabbilit b'mod formali jew b'mod informali minn Stat Membru ġar wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Stat Membru jista' jiddeċiedi wkoll flimkien ma' Stat Membru ġar jew Stati Membri ġirien, li jwaqqaf b'mod formali jew b'mod informali mekkaniżmu effikaċi ġdid biex jiġu solvuti l-ostakli legali li jxekklu l-implimentazzjoni ta' proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-mekkaniżmu iżda jistgħu jagħżlu wkoll mekkaniżmi eżistenti biex isolvu ostakoli legali, jew saħansitra joħolqu mekkaniżmi ġodda biex jagħmlu dan.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Jekk*** Stat ***Membru jagħżel il-Mekkaniżmu, huwa għandu*** jistabbilixxi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera, wieħed jew aktar, b'wieħed mill-modi li ġejjin:	1. ***Kull*** Stat ***Membru għandu jistabbilixxi*** jistabbilixxi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera, wieħed jew aktar, b'wieħed mill-modi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-proposta tar-rapporteur, is-CBCPs se jkunu ċentrali sabiex jiġi vvalutat jekk u kif jistgħu jiġu solvuti ostakli legali. Ir-rapporteur għalhekk jipproponi t-twaqqif obbligatorju tas-CBCPs f'kull Stat Membru. Billi l-applikazzjoni tal-ECBM se tiġi attivata fuq bażi volontarja, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu kemm għandha tkun sostanzjali l-kapaċità amministrattiva ta' dawn is-CBCPs.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jikkollabora***, fejn ikunu jeżistu,*** mal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera fl-Istat jew Stati Membri ġirien u mal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera f'entitajiet territorjali oħra b'setgħat leġiżlattivi tal-Istat Membru tiegħu jew Stat Membru ieħor;	(d) jikkollabora mal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera fl-Istat jew Stati Membri ġirien u mal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera f'entitajiet territorjali oħra b'setgħat leġiżlattivi tal-Istat Membru tiegħu jew Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) b'talba minn awtorità kompetenti partikolari li tagħmel impenn li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor ***mingħajr il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera tiegħu stess***, iwettaq l-analiżi preliminari ta' dokument ta' inizjattiva;	(c) b'talba minn awtorità kompetenti partikolari li tagħmel impenn li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor, iwettaq l-analiżi preliminari ta' dokument ta' inizjattiva;

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera kompetenti għandu janalizza d-dokument ta' inizjattiva. Huwa għandu jikkollabora mal-awtoritajiet kollha kompetenti li jagħmlu impenn u mal-Punti ta' Koodinazzjoni Transfruntiera nazzjonali	1. Il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera kompetenti ***tal-Istat Membru li jagħmel impenn***għandu janalizza d-dokument ta' inizjattiva. Huwa għandu jikkollabora mal-awtoritajiet kollha kompetenti li jagħmlu impenn u mal-Punti

jew, fejn rilevanti, reġjonali oħra fl-Istat Membru li ***jikkommetti*** u mal-Punti ta' Koodinazzjoni Transfruntiera nazzjonali fl-Istat Membru li jittrasferixxi.	ta' Koodinazzjoni Transfruntiera nazzjonali jew, fejn rilevanti, reġjonali oħra fl-Istat Membru li ***jagħmel impenn*** u mal-Punti ta' Koodinazzjoni Transfruntiera nazzjonali fl-Istat Membru li jittrasferixxi.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi żmien tliet xhur wara li jirċievi d-dokument ta' inizjattiva, il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera għandu jieħdu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu trasmessi lill-inizjatur bil-miktub:	2. Fi żmien sitt xhur wara li jirċievi d-dokument ta' inizjattiva, il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera għandu jieħdu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu trasmessi lill-inizjatur bil-miktub:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tad-dokument ta' inizjattiva tista' tkun ikkumplikata u tieħu aktar ħin mit-tliet xhur proposti, speċjalment meta wieħed iqis il-perjodi tas-sajf u/jew il-vaganzi.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jiddiriġi l-inizjatur biex jagħżel mekkaniżmu eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) biex isolvi l-ostaklu legali li qed ifixkel l-implimentazzjoni tal-proġett konġunt

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Malli jirċievi ***dokument*** ta' inizjattiva, il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għandu ***jwettaq ukoll il-kompiti elenkati fl-Artikolu 10(2) u jista'*** jibgħat ir-reazzjoni preliminari tiegħu lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel impenn.	***Fi żmien tliet xhur wara li*** jirċievi ***d-dokument*** ta' inizjattiva, il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għandu jibgħat ir-reazzjoni preliminari tiegħu lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel impenn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li t-tħejjija ta' abbozz ta' impenn jew ta' dikjarazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 13 jista' jseħħ biss f'kooperazzjoni tajba bejn l-Istati Membri li jagħmlu impenn u dawk li jittrasferixxu. Sabiex jingħata kontribut mill-Istat Membru li jittrasferixxi (li huwa aktar familjari mad-dispożizzjonijiet legali tiegħu li jistgħu jiġu trasferiti lill-Istat Membru li jagħmel impenn) huwa jbiddel dan l-artikolu biex jobbliga lill-Istat Membru li jittrasferixxi biex jibgħat ir-reazzjoni preliminari tiegħu għall-analiżi tad-dokument ta' inizjattiva.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istati Membri li jagħmel impenn jitlob dokument ta' inizjattiva rivedut jew informazzjoni speċifika addizzjonali, huwa għandu janalizza d-dokument ta' inizjattiva rivedut jew l-informazzjoni speċifika addizzjonali jew it-tnejn li huma u, fi żmien ***tliet*** xhur minn meta jirċevihom, iwettaq l-azzjonijiet bħallikieku d-dokument ta' inizjattiva ntbagħat l-ewwel darba.	1. Jekk il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istati Membri li jagħmel impenn jitlob dokument ta' inizjattiva rivedut jew informazzjoni speċifika addizzjonali, huwa għandu janalizza d-dokument ta' inizjattiva rivedut jew l-informazzjoni speċifika addizzjonali jew it-tnejn li huma u, fi żmien ***sitt*** xhur minn meta jirċevihom, iwettaq l-azzjonijiet bħallikieku d-dokument ta' inizjattiva ntbagħat l-ewwel darba.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat ***Membri*** li jagħmel impenn jikkunsidra li d-dokument ta' inizjattiva rivedut għadu mhux ippreparat skont l-Artikolu 10 jew li l-informazzjoni speċifika addizzjonali għadha mhix suffiċjenti, dan għandu jinforma lill-inizjatur bil-miktub, fi żmien ***tliet*** xhur minn meta jirċievi d-dokument ta' inizjattiva rivedut, dwar id-deċiżjoni tiegħu li jtemm il-proċedura. Din id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata kif xieraq.	2. Jekk il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat ***Membru*** li jagħmel impenn jikkunsidra li d-dokument ta' inizjattiva rivedut għadu mhux ippreparat skont l-Artikolu 10 jew li l-informazzjoni speċifika addizzjonali għadha mhix suffiċjenti, dan għandu jinforma lill-inizjatur bil-miktub, fi żmien ***sitt*** xhur minn meta jirċievi d-dokument ta' inizjattiva rivedut, dwar id-deċiżjoni tiegħu li jtemm il-proċedura. Din id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata kif xieraq.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jew l-awtorità kompetenti li tagħmel ***impenni*** tal-Istat Membru li jagħmel impenn għandu jfassal abbozz ta' Impenn jew abbozz ta' Dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14, fuq il-bażi tad-dokument ta' inizjattiva.	Il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jew l-awtorità kompetenti li tagħmel ***impenn*** tal-Istat Membru li jagħmel impenn għandu jfassal abbozz ta' Impenn jew abbozz ta' Dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14, fuq il-bażi tad-dokument ta' inizjattiva ***u l-analiżi preliminari tiegħu kif ukoll ir-reazzjoni preliminari tal-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi kif imsemmi fl-Artikolu 11***.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi żmien massimu ta' ***tliet*** xhur wara li tkun ittrasmettiet informazzjoni skont l-Artikolu 10(2) jew l-Artikolu 12(1) u (2);	(a) fi żmien massimu ta' ***sitt*** xhur wara li tkun ittrasmettiet informazzjoni skont l-Artikolu 10(2) jew l-Artikolu 12(1) u (2);

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 16 - paragrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għandu jeżamina l-abbozz ta' Impenn jew l-abbozz ta' Dikjarazzjoni li jkun irċieva skont l-Artikolu 15, fi żmien massimu ta' ***tliet*** xhur wara li jirċievi l-abbozz u wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti li jittrasferixxu, jieħdu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:	1. Il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għandu jeżamina l-abbozz ta' Impenn jew l-abbozz ta' Dikjarazzjoni li jkun irċieva skont l-Artikolu 15, fi żmien massimu ta' ***sitt*** xhur wara li jirċievi l-abbozz u wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti li jittrasferixxu, jieħdu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi Stati Membri fejn l-awtorità kompetenti li tittrasferixxi għandha tiffirma Impenn jew Dikjarazzjoni, il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera tal-Istat	2. Fi Stati Membri fejn l-awtorità kompetenti li tittrasferixxi għandha tiffirma Impenn jew Dikjarazzjoni, il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera tal-Istat

Membru li jittrasferixxi għandu jibgħat, skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, ***iż-żewġ*** kopji oriġinali ffirmati mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi.	Membru li jittrasferixxi għandu jibgħat, skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, ***waħda miż-żewġ*** kopji oriġinali ffirmati mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi ***lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel l-impenn***.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel impenn għandu jeżamina r-risposta mibgħuta mill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi u jwettaq, fi żmien massimu ta' ***xahar*** wara li jirċeviha, waħda mill-azzjonijiet li ġejjin jew aktar, li għandhom jintbagħtu bil-miktub lill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi:	1. Il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel impenn għandu jeżamina r-risposta mibgħuta mill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi u jwettaq, fi żmien massimu ta' ***tliet xhur*** wara li jirċeviha, waħda mill-azzjonijiet li ġejjin jew aktar, li għandhom jintbagħtu bil-miktub lill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi:

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-każ tal-punt (a) ***tal-paragrafu 2***, jiffinalizza l-Impenn jew id-Dikjarazzjoni, jiffirma żewġ kopji oriġinali u jibgħat waħda lura lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għall-firma;	(a) fil-każ tal-punt (a) ***tal-Artikolu 16(1)***, jiffinalizza l-Impenn jew id-Dikjarazzjoni, jiffirma żewġ kopji oriġinali u jibgħat waħda lura lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għall-firma;

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-każ tal-punt (b) ***tal-paragrafu2***, jemenda l-Impenn jew id-Dikjarazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni fl-abbozz ta' Impenn jew l-abbozz ta' Dikjarazzjoni kopert mill-punti (f) u (h) tal-Artikolu 14(1) skont dan, jiffinalizza l-Impenn jew id-Dikjarazzjoni, jiffirma żewġ kopji oriġinali u jibgħat waħda lura lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għall-firma;	(b) fil-każ tal-punt (b) ***tal-Artikolu 16(1)***, jemenda l-Impenn jew id-Dikjarazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni fl-abbozz ta' Impenn jew l-abbozz ta' Dikjarazzjoni kopert mill-punti (f) u (h) tal-Artikolu 14(1) skont dan, jiffinalizza l-Impenn jew id-Dikjarazzjoni, jiffirma żewġ kopji oriġinali u jibgħat waħda lura lill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi għall-firma;

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-każ tal-punt (c) tal-paragrafu 2, jinforma lill-inizjatur u lill-Kummissjoni, filwaqt li jżid il-ġustifikazzjoni kif stabbilita mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi;	(c) fil-każ tal-punt (c) tal-Artikolu 16(1), jinforma lill-inizjatur u lill-Kummissjoni, filwaqt li jżid il-ġustifikazzjoni kif stabbilita mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi;

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fil-każ tal-punt (d) ***tal-paragrafu 2***, jikkunsidra l-emendi u jew jipproċedi skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu jew inkella ***jerġa' jniedi proċedura oħra skont l-Artikolu 9*** u jfisser għaliex uħud mill-emendi jew l-emendi kollha ma setgħux jiġu aċċettati mill-awtorità kompetenti li tagħmel impenn.	(d) fil-każ tal-punt (d) ***tal-Artikolu 16(1)***, jikkunsidra l-emendi u jew jipproċedi skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu jew inkella ***jipproċedi skont il-punt (c) ta' dan il-paragrafu,*** u jfisser għaliex uħud mill-emendi jew l-emendi kollha ma setgħux jiġu aċċettati mill-awtorità kompetenti li tagħmel impenn.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mal-wasla tal-Impenn jew id-Dikjarazzjoni, kif iffirmat ukoll mill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti jew l-awtorità kompetenti li tittrasferixxi fil-każijiet tal-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 ***jew, meta l-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jittrasferixxi jkun irreaġixxa b'mod pożittiv skont it-tieni proċedura tal-punt (d) tal-paragrafu 1***, il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel impenn għandu:	2. Mal-wasla tal-Impenn jew id-Dikjarazzjoni, kif iffirmat ukoll mill-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti jew l-awtorità kompetenti li tittrasferixxi fil-każijiet tal-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, il-Punt ta' Koodinazzjoni Transfruntiera kompetenti tal-Istat Membru li jagħmel impenn għandu:

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa jj xx ssss [jiġifieri l-ewwel (1) jum tax-	Sa jj xx ssss [jiġifieri l-ewwel (1) jum tax-

xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + ***ħames*** snin; għandha timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni li jivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' indikaturi dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-valur miżjud Ewropew u l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni tiegħu.	xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + ***tliet*** snin; għandha timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni li jivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' indikaturi dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-valur miżjud Ewropew u l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni tiegħu.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Fl-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni transfruntiera jammontaw għal madwar 40 % tat-territorju tal-Unjoni, filwaqt li fih hemm kważi terz tal-512 miljun ċittadin tagħha. Fl-istess waqt, ir-reġjuni transfruntiera fl-Ewropa għandhom b'mod ġenerali riżultati inqas tajbin fis-sens ekonomiku, għandhom rati ogħla ta' qgħad u għandhom infrastruttura relattivament sottożviluppata meta mqabbla ma' reġjuni li jinsabu f'post aktar ċentrali fl-Istati Membri. Ġie stmat li jekk jitneħħew 20 % tal-ostakli eżistenti tal-fruntieri, ir-reġjuni tal-fruntiera jiksbu 2 % fil-PDG, li jammonta għal madwar EUR 91 biljun fis-sena fil-PDG. Fil-passat, ħafna reġjuni tal-fruntiera fl-Ewropa kienu t-teatri ta' gwerrer u kunflitti bejn il-pajjiżi.

Għal dawk ir-raġunijiet, it-Trattat ta' Lisbona fl-Artikolu 174 mhux biss jelenka l-koeżjoni ekonomika u soċjali bħala l-għanijiet espliċiti tiegħu, iżda wkoll il-koeżjoni territorjali (b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni transfruntieri). Minn dan l-aspett, il-proposta għal Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew (ECBM) għandha titqies bħala komplementari għall-Interreg u r-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT). L-ECBM propost għandu l-għan li jsolvi l-ostakoli transfruntiera ta' natura legali jew amministrattiva, billi japplika għal reġjun transfruntier komuni, fi Stat Membru partikolari, id-dispożizzjonijiet legali mill-Istat Membru ġar għal proġett konġunt speċifiku.

Il-mekkaniżmu transfruntier Ewropew

Ir-rapporteur jappoġġa u jilqa' l-intenzjoni tal-“proposta dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier” tal-Kummissjoni Ewropea (Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew, ECNM). L-ECBM jista' jsir għodda f'sett ta' għodod ġenerali biex jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera effikaċi u, b'riżultat ta' dan, itejjeb il-ġid u l-benessri tal-abitanti u l-kwalità tal-ħajja tagħhom fir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE.

Hemm bżonn ta' kjarifika dwar ftit kwistjonijiet, speċjalment fir-rigward tan-natura volontarja u l-ambitu tal-ECBM, kif ukoll dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-proposta.

Il-proposta għandha timmira li żżid għodda volontarja għas-sett ta' għodod li l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jagħtu spinta lill-kooperazzjoni transfruntiera. L-Istati Membri għandhom, dejjem ikollhom d-deċiżjoni finali dwar jekk jużawx il-mekkaniżmu jew le.

Flimkien ma' din l-enfasi, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu jekk jużawx l-ECBM jew mekkaniżmu eżistenti għal kull proġett konġunt individwali, fuq bażi ta' każ b'każ. Jekk l-Istati Membri jkollhom jagħmlu għażla bħal din immedjatament għal żona sħiha ta' fruntiera, dawk li bħalissa ma għandhomx mekkaniżmi eżistenti biex isolvu l-ostakli legali f'kuntest transfruntier, se jkunu prattikament obbligati li jużaw l-ECBM. Dan jimmina n-natura volontarja tal-proposta.

Bil-bidliet proposti, kwalunkwe kwistjoni relatata mal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà huma ttratti b'mod adegwat. L-ECBM isir għodda volontarja u jista' jintuża b'mod “à-la-carte”, fejn l-Istati Membri jagħżlu kull darba li jidentifikaw ostaklu legali f'kuntest transfruntier jekk għandhomx jużaw mekkaniżmu eżistenti, iwaqqfu mekkaniżmu ġdid, jew jużaw l-ECBM. L-Istati Membri jistgħu wkoll jirrifjutaw li jattivaw kwalunkwe mekkaniżmu li jsolvi ostaklu legali jew amministrattiv, għal raġunijiet ġustifikati. L-attivazzjoni tal-ECBM u l-awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wieħed biex ikun jista' japplika d-dispożizzjonijiet legali tiegħu fi Stat Membru ieħor jirrikjedu skrutinju serju mill-partijiet kollha involuti, u

għalhekk l-iskadenzi proposti mill-Kummissjoni setgħu kienu wisq stretti u b'hekk ċerti skadenzi ġew emendati.

Fl-aħħar nett, l-ambitu tematiku tal-proposta qed jinżamm intatt kemm jista' jkun. Wara t-tisħiħ tal-bażi volontarja tal-proposta flimkien mal-bidla fil-mod ta' kif l-Istati Membri jagħżlu bejn il-mekkaniżmu u l-mekkaniżmi eżistenti, l-ambitu jista' jibqa' wiesa' sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni prattika tal-ECBM, għall-proġetti futuri potenzjali kollha li jistgħu jkunu mxekkla minn ostakli legali jew amministrattivi f'reġjun transfruntier.

Ir-rapporteur jemmen li applikazzjoni effettiva tal-Mekkaniżmu Ewropew Transfruntier tista' tkun fattibbli biss jekk l-Istati Membri kollha u l-awtoritajiet kompetenti kollha fi ħdan l-Istati Membri jħaddnu l-opportunità biex isolvu l-ostakoli legali u amministrattivi billi jaħdmu flimkien fl-ispirtu ta' kooperazzjoni tajba u ta' viċinat tajjeb. In-natura volontarja tal-ECBM se tikkontribwixxi biex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tar-reġjuni tal-fruntiera Ewropej.